MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2003

Ċitazzjoni Numru. 877/2002

**FIL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI.**

**IMHALLEF:**

**ONOR. JOSEPH AZZOPARDI LL.D.**

**Illum, l-Erbgha 31 t' Ottubru, 2003.**

**Kawza Nru: 14.**

**Citaz Nru: 877/02 JA.**

**CPS Company Limited.**

**-vs-**

**Lapsi Holdings Limited.**

**Il-Qorti,**

Rat l-Att tac-citazzjoni mressqa fit-30 ta' Lulju, 2002 , li bih s-socjeta' attrici ppremettiet:

Li s-socjeta' konvenuta hija debitrici tas-socjeta' attrici fl-ammont bilancjali ta' hamest elef tlett mija tmienja u tmenin Liri Maltin u tlieta u hamsin centezmu (Lm5388.53) li jirrapprezentaw il-bilanc tal-prezz ta' merkanzija (hawn aktar l-isfel maghruf bhala "il-bilanc dovut") u dan wara li s-socjeta' konvenuta accettat li tassumi l-hlas ta' dan l-ammont permezz ta' ittra datata 13 ta' Settembru 1999, kopja taghha hawn annessa u markata bhala document ittra "A";

Illi minkejja li s-socjeta' konvenuta halest l-ammont ta' elf u tminn mitt Liri Maltin (Lm1800) akkont ta' l-ammonti dovuti lis-socjeta' attrici, is-socjeta' konvenuta waqfet milli tkompli bil-pagamenti dovuti lis-socjeta' attrici;

Ghalhekk is-socjeta' attrici titlob lill-din l-Onorabbi Qorti ghaliex m' ghandhiex:

1. Tiddikkjara li s-socjeta' konvenuta hija debitrici tas-socjeta' attrici fis-somma bilancjali ta' hamest elef tlett mija tmienja u tmenin Liri Maltin u tlieta u hamsin centezmu (Lm5388.53) ghar-ragunijiet fuq indikati;

2. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici l-istess somma bilancjali ta' hamest elef tlett mija tmienja u tmenin Liri Maltin u tlieta u hamsin centezmu (Lm388.3).

Bl-imghax bir-rata ta' 8% mid-data ta' kull fattura, sal-guranata tal-pagament effettiv u bl-ispejjez kollha inkluz ta' dawn l-atti, u ta' l-atti gudizzjarji sussewgenti kollha kontra s-socjeta' konvenuta li minn issa r-rapprezentanti taghha huma ingunti in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni mahlufa w in-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici.

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lis-socjeta' konvenuta li naqset li tipprezenta nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqghet kontumaci;

Semghet l- Avukat tas-scjeta' attrici inkluza d-dikjarazzjoni guramentata tieghu;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fic-citazzjoni jirrizultaw pruvati.

Fil-kontumacja tas-socjeta' konvenuta **tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet tas-socjeta' attrici kif dedotti fic-citazzjoni bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------